MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Numru. 100/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Misud)**

**Vs**

**Kevin Camilleri, ta' 34 sena, iben Nazzareno u Agnes, imwieled l-Amerka nhar is-16 ta' Settembru 1977 residenti fil-fond numru "Cheyenne", Triq David Cocco Palmier, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 521294(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Kevin Camilleri li gie akkuzat talli is-7 ta' Novembru 2008 ghal habta tal-11:00a.m. fi Triq Guzeppi Cauchi, Ghajnsielem:

1. talli fil-kapacita tieghu ta' persuna li jhaddem, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti weggghu gravi Manwel Hili u Coronato Mejlak u dana ai termini ta'l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares is-sahha u is-sigurta ta'l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir u dana billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dana ai termini ta'l-artikoli 6(1)(2) ta'l-Att 27/2000 Kap.424.
3. ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem naqas illi jizgura s-Sahha u is-Sigurta tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmel arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizazzjoni, kontroll u jaghmel monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqas ukoll illi jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u ghal dan il-ghan jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dana ai termini ta'l-artikoli 4(1)(2) u (3) ta'l-A.L. 36/03.
4. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem naqas illi wara li jikkonsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriza jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevita riskji ghas-sahha u s-sigurta, javalwa dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollhom mill-bidu u jadatta ix-xoghol ghall-individwu. Naqas ukoll li jevalwa ir-riskji ghas-sahha u is-sigurta, fost ohrajn, ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u it-tahmir tal-postijiet tax-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u jizgura li jsir titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta' u dana ai termini ta'l-artikoli 5(1)(i)(ii)(iii) ta'l-A.L.36/03.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta’ Mejju 2011.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-incident mertu ta’ dina l-kawza li gara fis-7 ta’ Dicembru 2008 fuq sit ta’ kostruzzjoni gewwa Ghajnsielem, sehh meta ikkollassa hajt li fuqu kien qieghed isir xi xoghol ta’ kostruzzjoni. Dana x-xoghol kien qieghed isir permezz ta’ fallakki u slielem minghajr ebda protezzjoni u cioe’ minghajr armar adegwat li jista’ jofri xi forma ta’ lqugh ghal min ikun qed jaghmel xoghol fuq l-imsemmi hajt.[1] Ix-xoghol ta’ kostruzzjoni kien gie fdat f’idejn l-imputat li kien qed jaghmel ix-xoghol fuq inkarigu tas-sid certu John Camilleri. Jidher illi l-imputat ma kienx presenti meta sehh l-incident fejn wegghu b’mod gravi tnejn mill-haddiema tieghu, Emanuel Hili u Coronato Mejlak. Minbarra l-fatt illi l-imputat stess jametti illi huwa ma ghamilx evalwazzjoni dwar ir-riskji li kien hemm fuq il-lant tax-xoghol jidher illi minbarra dana l-hajt kien hemm diversi perikli ohra u dana kif ikkonstataw l-ispetturi mid-Dipartiment ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol, Norman Spiteri u Clint Cachia[2]. Fil-fatt mill-ispezzjoni li saret minn dawn it-tnejn minn nies irrizulta wkoll illi fuq il-post kien hemm giebja mdaqqsa li kellha hafna vireg telghin b’mod vertikali li wkoll ma kinux protetti. Kien hemm ukoll fallakki li ma kellhomx ilqugh madwarhom u lanqas access ghalihom. Inoltre rrizulta wkoll illi l-parti tal-hajt li waqghet ma kellha l-ebda support minn naha ta’ wara tieghu.

Illi t-tnejn minn nies li wegghu u cioe’ Coronato Mejlak u Emanuel Hili ma kellhom l-ebda lbies jew taghmir iehor ta’ protezzjoni ghajr ghal safety shoes. Illi l-imputat minn naha tieghu filwaqt illi jikkonferma illi dakinhar huwa ma kienx presenti fuq il-post tal-incident billi kien mar jaghmel xi qadja, isostni illi huwa ghamel ix-xoghol bl-istess

---

[1] Ara ritrattie sebieti minn Norman Spiteri a fols.47 u 48 tal-process
[2] Ara xhieda ta’ Spiteri u Cachia a fols.39 u 49

sistema kif kien dejjem jaghmel u kif generalement isir meta tkun qed issir l' hekk imsejha "suletta" fuq hajt li qed jinbena. Ighid illi huwa josserva anke kif isir ix-xoghol minn haddiema ohra u jikkontendi illi qatt ma jsir l-irfid meta jkun qed jinbena l-hajt u saru l-gakkijiet fil-parti ta' isfel ta' dana l-hajt mertu tal-kawza billi kellu jiehu naqra iktar konkos. Fil-fatt dakinhar kellu jsir dana x-xoghol u kellha ssir is-suletta fuq in-naha ta' fuq ta' dan il-hajt tal-bricks. L-imputat isostni illi l-hajt ikkrolla billi l-lejl ta' qabel kienet ghamlet hafna xita.[3]

Illi l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta jindika l-mizuri li ghandhom jittiehdu biex jigu evitati l-incidenti fuq il-postijiet tax-xoghol li jistghu jwasslu ghal korriment jew sahansitra ghall-mewt.

"*Min ihaddem ghandu dejjem jizgurais-sahha u s-sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu afettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem:*"
Imbaghad il-ligi tkompli tghid:
"*Il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni li gejjin jigifieri: -*
*(a) li jigi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assocjati max-xoghol;*
*(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;*
*(e) li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskju kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz b'dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz;*
*(f) billi tinghata prijorità lill-mizuri ta' protezzjoni kollettivi fuq mizuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jigi adattat ix-xoghol ghall-haddiem, partikolarment ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-iddisinjar ta' postijiet tax-xoghol, l-ghazla ta' taghmir tax-xoghol u l-ghazla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xoghol, u partikolarment*

[3] Ara xhieda ta'l-imputat a fol.94

*sabiex jigi mnaqqas xoghol monotonu u xoghol li jkollu rata ta' xoghol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha;*
*(h) billi wiehed jaddatta ruhu ghall-progress tekniku fl-interess tas-sahha u tas-sigurtà fuq il-post tax-xoghol; u*
*(i) billi tigi zviluppata policy ta' prevenzjoni globali u logika li tkopri it-teknologija, l-organizzazzjoni ta' xoghol, il-kundizzjonijiet ta' xoghol, ir-relazzjonijiet socjali u l-influwenza ta' fatturi li ghandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent tal-post tax-xoghol.*"

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat huwa bniedem li l-mistier jew ahjar is-sengha tieghu jafha sew. Fil-fatt huwa stess ighid illi ilu jaghmel dana t-tip ta' xoghol ghal madwar hmistax-il sena. Illi huwa certament akkwista esperjenza sewwa fis-sengha tieghu tant ghalhekk illi huwa ma hassx illi seta' kien hemm xi forma ta' periklu ghall-haddiema tieghu ghax skond kif ighid huwa stess, hadem kif dejjem kien jahdem u kif jara lil haddiehor jahdem. Dana madanakollu ma jfissirx illi huwa ghamel evalwazzjoni tar-riskji li seta kien hemm fuq dana s-sit ta' kostruzzjoni. Ibda biex, huwa stess ighid illi fil-lejl ta' qabel ma sehh l-incident kienet ghamlet xita qalila u kwindi huwa messu kien jaf illi dina x-xita setghet biddlet il-kundizzjonijiet tal-ambjent tal-post tax-xoghol, fejn hemm materjal bhal blat u gebel miftuh ghall-elementi. Ma hemmx dubbju allura li l-imputat ma evalwax ir-riskju li x-xita setghet holqot fuq il-post tax-xoghol tant illi f'dik il-ghodwa hass illi seta liberalment ma jaccedix fuq il-lant tax-xoghol u jmur jaghmel il-qadi tieghu minflok. Ghalhekk halla l-haddiema tieghu wahedhom jibdew ix-xoghol minghajr ma mar fuq il-post sabiex jikkonstata l-hsara li setghet ikkawzat ix-xita mill-lejl ta' qabel. Apparti dana kollu, jidher illi l-imputat ma kienx jipprovdi l-ebda tghamir ta' protezzjoni ghall-haddiema tieghu li kollha jghidu illi kull ma kienu jilbsu kien safety shoes.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jahti ghal dana l-incident billi naqas li jipprovdi lill-haddiema tieghu ambjent ta' sigurta fuq il-post tax-xoghol taghhom.

Illi minn qari tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirrizulta illi l-imputat mhux biss qed jigi addebitat lilu r-reat tal-offiza involontarja fuq il-persuni tal-haddiema tieghu kif previst fl-artikolu 226 tal-Kapitolu 9, izda wkoll illi naqas milli josserva d-disposizzjonijiet tal-ligi u r-regolamenti li jipprovdu dwar is-sahha u s-sigurta tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol kif previst fil-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 36/2003.

Illi mix-xhieda kemm ta' Dr. Ian Galea kif ukoll ta' Dr. Thomas Armathys ma hemmx dubbju illi kemm Emanuel Hili kif ukoll Coronato Mejlak sofrew griehi ta' natura gravi f'dana l-incident meta waqghu minn fuq is-slielem u t-tavlun fejn kienu qed jahdmu. Fil-fatt Emanuel Hili sofra diversi fratturi fil-kranju  tant illi kien hemm xi granet fejn anke kien fil-periklu tal-mewt. Min-naha tieghu, Coronato Mejlak sofra wkoll griehi gravi minhabba ksur f'idejh. Fortunament dawn it-tnejn minn nies illum fiequ kompletament mill-griehi li huma sofrew u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi f'dana l-kaz piena karcerarja m'hijiex idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 6(1)(2), 38(1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u i-regolamenti 4(1)(2)(3) u 5(a)(b)(c), 20 u 21 tal-Avviz Legali 36/2003, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000), liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------